MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Numru 434/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**

**versus**

**Kenneth Vassallo.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Kenneth Vassallo ta' 30 sena bin Anthony u Marianna nee Vella mwieled Pieta' fit-2 ta' Diċembru, 1972 u joqgħod Block H Flat 6 Neighbourhood 2 Triq il-Lellux Santa Luċija u li għandu l-karta ta' l-identita' bin-numru 524172(M)

1. Akkużat talli nhar it-23 ta' Settmebru, 2002 f'San Ġwann ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Pioneer minn

vettura għamla VW Golf numru tar-reġistraqzzjoni AHF512 liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-vlaur li huwa iżjed minn mitt lira Maltija iżda ma jiskorrix l-elf lira Maltija u bin-natura ta' l-oġġett misruq għad-detriment ta' Angela Farrugia;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi kkommetta ħsara volontarja f'vettura b'numru AHF-512 liema ħsara taqbeż il-ħamsin lira Maltija (Lm50) iżda mhux il-ħames mitt lira Maltija (Lm500) u dana għad-dannu ta' l-istess Angela Farrugia. Dina l-imputazzjoni kienet miżjuda mill-Prosekuzzjoni u awtorizzata mill-Qorti fis-6 t'Ottubru, 2003. L-imputat ta ruħu notifikat biha.

3. U aktar talli kkommetta reat/delitt li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, liema sentenza hija definittiva u datata 22 t'Ottubru, 1999;

4. U fl-aħħarnett talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali biex il-kawża tinstema' bi proċedura sommarja (26 ta' Mejju, 2003) kif ukoll il-kunsens ta' l-imputat mogħti fis-6 t'Ottubru, 2003; rat ukoll l-istqarrija ta' l-imputat rilaxxjata lill-Pulizija; semgħet ix-xhieda u rat l-ammissjoni ta' l-imputat għall-imputazzjoniet dedotti kontrih fil-verbal tat-3 ta' Frar, 2004.

Semgħet ukoll lil Dr.Joseph Spiteri MD konsulent psikjatra fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

Ikkonsidrat illi l-fatti tal-każ seħħew fit-23 ta' Settembru, 2002 meta nsteraq stereo u attache case ta' tabiba mill-karozza ta' Dr.Angela Farrugia. Saret ukoll ħsara fl-istess karrozza fid-dashboard u fil-ħġieġa.

Stante l-ammissjoni ta' l-imputazzjonijiet magħmula mill-imputat, dawn l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, waqra li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 263, 267, 271(g), 278, 289 u 325(b) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati

u, wara li kkonsidrat l-ammissjoni tiegħu, dak il-qal il-Psikjatra u l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17 ta’ l-istess Kap 9, qed tikkundannah għal sitt (6) xhur priġunerija għall-ewwel, it-tieni u r-raba’ imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi kif spjegati mill-Psikjatra, u wara li rat l-artikolu 28(B)(2)(b) tal-Kap 9 , jidhrilha li flok ma s-sentenza sospiża m’għandha tingħata effett, din għandha tkun estiża għalsena (1) oħra mil-lum.

MAĠISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------